**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**28TTT/17**

**Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tmienja w ghoxrin laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar il-Hamis 2 ta' Gunju, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Cleaven Christian Bugeja - Kunsillier

**Talba u bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fis-6.23pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri prezenti.

Mal-ftuh tal-laqgha s-Sindku qal li kien mixtieq illi l-Kunsill jaghmel progress fuq din l-agenda.

Il-Kunsillier Sur Stephen Sultana qal li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill li kienet qed titratta din l-agenda huwa kien talab r-recording dwar l-impjieg ta skrivan tal-Kunsill li beda fl-impjieg fis 6 ta' Dicembru, 2010.

Is-Sur Stephen Sultana qal li huwa ried inehhi l-paragrafu specifiku peress li fil-fehma tieghu l-Kunsill ma kienx gie mitlub sabiex japprova dan l-impjieg u l-approvazjoni kienet giet biss minghand id-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku spjega li l-procedura addottata kienet kompletament regolari ghaliex gew osservati dawk il-proceduri kollha mehtiega u peress li kien car li kien hemm urgenza ghaliex il-Kunsill enfasizza li ma setax jiffunzjona sewwa bi skrivana wahda u, kien ghalhekk lid-Direttur Generali tal-Gvern Lokali kien intalab u laqa' t-talba tal-Kunsill li dan l-iskrivan jigi mpjegat bla ebda dewmien.

Is-Sur Stephen Sultana qal li huwa kien oggezjona mill-bidu dwar il-procedura ta l-ghazla u li waslet li anke meta saret l-ghazla l-Kunsill kien gie infurmat wara li dan l-iskrivan kien diga impjegat.

Is-Sindku rega beda jispjega li sar kollox kif mehtieg anke fic-cirkustanzi ta' urgenza fi hdan il-Kunsill li ma setax jimxi bi skrivan wiehed. F'dan l-istadju kemm s-Sur Stephen Sultana kif ukoll s-Sur Edwin Formosa hargu mill-laqgha.

Il-laqgha spiccat fis-6.36pm minhabba nuqqas ta quorum.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku